MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Numru. 178/2008

Il-**Pulizija**

**AC Norbert Ciappara**

**vs**

**Christopher Buhagiar**

**Illum, 28 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Buhagiar, ta’ 19-il sena, iben Francis u Juliet nee` Busuttil, imwieled Pieta` fl-10 ta’ Jannar 1988 u residenti ‘Ilex’, Plot 24, L-Ibragg Street, Safi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 40888(M):

Akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Marzu 2006, gewwa dawn il-Gzejjer, ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqmsu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
2. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati, liema medicina instabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. F’dawn il-Gzejjer, fis-sentejn tal-2004 u 2005, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat.

Mhuwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fis-27 ta' Frar 2006, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-

Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013 u **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat kellu 18-il sena u sa dakinhar ma jidhirx li kien skonta xi sentenza ta' prigunerija u lanqas ma jidher illi kien gie interrogat jew investigat mill-pulizija qabel il-kaz in dizamina, u dan kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu (a fol. 2 tal-process). Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, deciza fit-22 ta' Frar 2013, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk b'referenza ghall-aggravju tal-Avukat Generali:

*"26. It-tielet aggravju jgħid illi Tyrone Fenech mhux biss għamel l-istqarrija minn jeddu iżda wkoll ikkonfermaha bil-ġurament quddiem maġistrat, u dan ipatti għan-nuqqas ta' avukat meta saret l-istqarrija lill-pulizija.*

*27. Din il-qorti ġà osservat illi l-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu minħabba xi formalità nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma daħal fis-seħħ l-art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali l-jedd għal parir ta' avukat kien magħruf bħala element tal-jedd għal smigħ xieraq bil-ħsieb illi jitħarsu persuni illi, minħabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża', setgħu jagħmlu stqarrijiet li bis-saħħa tagħhom jinsabu ħatja meta fis-sewwa ħatja ma humiex. L-għajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn isservi biex tegħleb dik il-vulnerabilità u biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija.*

*28. Fil-każ tallum Tyrone Fenech, li kien għadu kemm għalaq dsatax-il sena meta għamel l-istqarrija, għandu mnejn illi minħabba l-età tiegħu kellu dik il-vulnerabilità u għalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal għal ksur tal-art. 6.*

*29. Dik il-garanzija iżda ma huwiex biss l-avukat li jista' jagħtiha. Id-dispożizzjonjiet tal-art 24A(12) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap.*

*101"], li jgħid illi l-Pulizija Esekuttiva tista' titlob lil maġistrat biex jisma' bil-ġurament lil kull persuna li hija taħseb li għandha informazzjoni dwar reat taħt dik l-Ordinanza, huma maħsuba biex jagħtu dik il-garanzija. Il-preżenza ta' maġistrat, uffiċjal ġudizzjarju indipendenti mill-pulizija, hija garanzija biżżejjed illi l- istqarrija tingħata b'għażla ħielsa, volontarjament, u ma tiġix imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

*30. Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimità mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, biżżejjed.*

*31. Għal din ir-raġuni din il-qorti, għalkemm taqbel mal-Ewwel Qorti illi l-ewwel stqarrija mogħtija quddiem il- pulizija fl-10 ta' Frar 2004, minħabba l-vulnerabilità ta' Tyrone Fenech meta tqis l-età tiegħu, ma ngħatatx f'ċirkostanzi li jiggarantixxu l-leġittimità ta' dik l-istqarrija, u għalhekk l-użu tal-istqarrija jkun bi ksur tal-art. 6 tal-Konvenzjoni, ma taqbilx illi l-istess jista' jingħad dwar l-istqarrijiet maħlufa quddiem maġistrat taħt l-art. 24A(12) tal-Kap. 101 fl-10 u fit-12 ta' Frar 2004.*

*32. Dan l-aggravju għalhekk, safejn jolqot l-istqarrijiet maħlufa quddiem maġistrat fl-10 u fit-12 ta' Frar 2004, għandu jintlaqa'."*

F'dan il-kaz, huwa minnu illi l-imputat kellu biss tmintax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u ma kellux esperjenza ta' interrogatorju, u ghalhekk jista' jitqies bhala persuna vulnerabbli. Biss l-istqarrija tal-imputat mehuda lilu fis-27 ta' Frar 2006, giet konfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna fl-istess jum u dan a bazi tal-Artikolu 24A(12) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, skond ir-ragunament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza appena citata, din il-Qorti tqis illi l-istqarrija guramentata tal-imputat fid-data msemmija ttiehdet f'cirkostanzi li

jiggarantixxu l-legittimita` ta' dik l-istqarrija u ghaldaqstant, l-istess stqarrija hija prova valida u ammissibbli f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet – traffikar u pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008, xehdet **Nadia Lanzon**[1] li qalet illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006, waqt *party* gewwa Buskett Roadhouse, il-pulizija arrestaw persuna ossia lill-imputat, wara li dan kien gie osservat ibiegh xi haga suspettata pilloli *ecstasy.* Minn tfittxija li saret fuqu, instabu 82 pillola suspettati *ecstasy* f'wiehed mill-bwiet tal-qalziet tieghu. Sussegwentement, hija haditlu stqarrija, fejn huwa ammetta li dawn kien xtrahom sabiex ibieghhom, li fil-fatt huwa kien xtara mitt pillola, izda fil-fatt wara li xtrahom induna li kien inghata 99 pillola minflok u li dakinhar kien lahaq biegh sbatax-il pillola.

Fix-xhieda taghhom moghtija fit-12 ta' Ottubru 2009, **PS 396 Saviour Baldacchino**[2] u **PC 10 Trevor Cassar Mallia**[3] ikkonfermaw illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006, gewwa l-Buskett Roadhouse, waqt tfittxija li huma ghamlu fuq il-persuna tal-imputat, u f'but minnhom, huma sabulu ammont sostanzjali ta' pilloli suspettati *ecstasy* u go but iehor kellu ammont ta' flus. Dan gie wkoll

[1] A fol. 9 u 10 tal-process.
[2] A fol. 33 u 34 tal-process.
[3] A fol. 37 u 38 tal-process.

ikkonfermat minn **PS 579 Antoine Micallef**[4] u **PC 599 Clive Mangion**[5] u dan dejjem b'referenza ghal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006.

Fl-istqarrija guramentata datata 27 ta' Frar 2006[6], **l-imputat** ikkonferma illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006, waqt li kien gewwa *party* l-Buskett Roadhouse, u waqt tfittxija li saritlu mill-pulizija, instabulu fil-but tal-qalziet tieghu 82 pillola *ecstasy* ta' lewn roza car bil-*logo smilies* u li dawn il-pilloli kienu tieghu. Huwa stqarr illi huwa kien bihsiebu jbiegh dawn il-pilloli u li diga` kien biegh ammont minnhom. B'kollox originarjament kellu disgha u disghin pillola. B'referenza ghas-somma ta' Lm95 li nstabet fuqu, huwa spjega li parti minn din is-somma u cioe` is-somma ta' Lm75, kienet gejja mill-bejgh tal-istess pilloli gewwa l-*party*.[7]

Mir-relazzjoni esebita mill-**Ispizjar Mario Mifsud**[8] fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012, jirrizulta illi s-77 pillola u s-sitt bicciet pilloli ta' lewn roza bil-*logo* tas-*smiley*, instabet fihom is-sustanza 3,4-*Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. Fix-xhieda tieghu fl-istess seduta, l-Ispizjar Mifsud spjega li sitt bicciet pilloli jirreferu ghal sitt nofsijiet ta' pilloli u illi s-sustanza MDMA hija komunament imsejjha *ecstasy*[9].

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, m'hemmx dubbju illi l-imputat traffika u biegh il-pilloli *ecstasy*, u illi l-pilloli *ecstasy* li nstabu fuqu ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv tieghu. Kif jirrizulta car mix-xhieda tal-ex Spettur Nadia Lanzon, kif ukoll tal-ufficjali kollha tal-Pulizija li taw ix-xhieda taghhom, dan il-bejgh sehh fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006. L-imputat fil-fatt ikkonferma l-istqarrija

[4] A fol. 27 u 28, 31 u 32 tal-process.
[5] A fol. 39 u 40 tal-process.
[6] A fol. 6 tal-*proces verbal*, esebit a fol. 47 *et seq*.
[7] A fol. 7 tal-*proces verbal.*
[8] A fol. 61 et seq tal-process.
[9] A fol. 60 tal-process.

rilaxxjata minnu, bil-gurament, quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna, fis-27 ta' Frar 2006. Madankollu, kif jirrizulta mic-citazzjoni odjerna, l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirreferu specifikatament ghal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Marzu 2006.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri</u>**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2012, l-appellat gie akkuzat permezz ta' citazzjoni fejn gie ndikat illi l-allegat stupru gie kommess fuq il-parti leza "*fis-sajf tal-1992 <u>fil-Marfa</u>*". Il-parti leza, fix-xiehda tieghu matul il-kompilazzjoni tal-provi, xehed li sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp. Il-Qorti, f'dak il-kaz, irriteniet hekk:

"8. *Jekk tul il-kumpilazzjoni Leonard Camilleri qal li kien sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp, il-prosekuzzjoni setghet taghmel dak li solitament isir, u cioe` li tintalab korrezzjoni fic-citazzjoni. Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju minghajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qieghed jintrabat "mal-fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet originali. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu dwar allegat stupru li sehh fl-Istitut ta' San Guzepp. L-appellat gie akkuzat li kkommetta stupru fil-Marfa. Dawn huma postijiet f'inhawi ghal kollox differenti f'Malta. …*

*9. Ghalhekk, galadarba permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, il-prosekuzzjoni baqghet marbuta ma' l-imputazzjoni originali, u li dwarha l-ewwel Qorti kkonkludiet li dik l-imputazzjoni (it-tieni wahda) "**ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata <u>kif dedotta</u>**" (sottolinear ta' din il-Qorti), l-aggravju ta' l-Avukat Generali f'dar-rigward ma jistax jigi milqugh.*"

Dan japplika wkoll ghall-kaz odjern. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu jirreferu ghal-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Frar 2006, fil-waqt illi l-imputat gie akkuzat illi biegh il-pilloli *ecstasy* u illi kellu fil-pussess tieghu tali pilloli f'cirkostanzi li juru li dawn ma kinux ghall-uzu esklussiv tieghu, fil-lejl ta' bejn il-

25 u s-26 ta’ Marzu 2006. Fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda talba sabiex issir il-korrezzjoni relattiva fic-citazzjoni odjerna. Ghaldaqstant, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, kif dedotti kontra l-imputat, ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati.

It-tielet imputazzjoni

L-imputat gie akkuzat ukoll talli fis-sentejn tal-2004 u 2005, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu u kkonfermata quddiem il-Magistrat Inkwerenti, l-imputat ammetta illi huwa kien ipejjep l-i*smoke*, kien dam ipejjipha kwazi sentejn u li waqaf jabbuza minnha f’Novembru 2005. Mistoqsi min fejn kien jixtri r-rezina tal-*cannabis*, huwa qal illi kien jixtriha ma’ shabu, bil-prezz ta’ Lm50 u kienu jaqsmuha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qieset illi l-imputat ikkopera mal-Pulizja bis-shih waqt l-investigazzjoni taghha u qieset ukoll il-fedina penali tieghu fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet kwazi netta. Qieset ukoll ir-rapport ipprezentat mill-Ufficjal tal-*Probation*, Mary Anne Zammit[10], mil-liema jirrizulta illi l-imputat ghandu hajja u familja stabbli.

[10] Esebit a fol. 43 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu **hati** tat-tielet imputazzjoni, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum**.

Il-Qorti wissiet lill-hati, bi kliem semplici, il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' hames mija, tlieta u sittin Euro u ghaxar centezmi (€563.10), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2009, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------